MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2005

Numru 102/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**
v

**JESMOND AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JESMOND AGIUS** ta’ disgha w ghoxrin sena bin Alfred u Mary Grace nee Lia, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 1973 u residenti 42, Triq Sammat, Paola, detentur tal-karta tal-identita numru 9174M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2001 u fl-erbgha snin b’diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni wahda, gewwa M'Scala bhala wiehed mill-proprjetarji, diretturi jew konsumaturi tal-fond 'Palm Valley Bar and Restaurant', sitwat fi Triq il-Gardiel, M'Scala, u

bhala l-persuna responsabbli miz-zewg meters tal-elettriku nstallati fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel l-kejl jew markar tal-meters tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku f'ammont globali li jeccedi l-elf lira maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u li jeccedi l-elf lira Maltin.

Talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara voluntarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema hsara hija minima.

Il-Qorti hija wkoll mitluba tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal hlas tal-ispejjes peritali f'kaz ta' htija.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar a fol 20 et seq tal-atti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta' Jannar 2003 esibit a fol 7 tal-atti markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-okkorrenza relattiva esibita a fol 71 tal-atti markata bhala dokument PS.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 8 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tal-provi jirrizulta s-segwenti:

1. Illi fuq il-lemin ta' Palm Valley Restaurant, hemm parapett u li minnu tidhol f'kamra fejn

kif tidhol mill-bieb ta' barra, fuq il-lemin hemm l-arlogg tad-dawl;

2. Illi l-meter in kwistjoni huwa tal-marka Iskra ta' Slovenja tas-sena 1994 tat-tip T36E2 bin-numru tas-serie 18541342 u li kien qed jaqra 20168 units;

3. Illi z-zewg sigilli ta' kulur hamrani ta' ma l-arlogg tad-dawl bin-numru 0044022 u 0044023 dehru mbaghbsin;

4. Illi s-sinjali ta' brix fuq z-zewg diski tal-istess meter kienu evidenti;

5. Illi kien hemm brix fil-counters tal-meters kif wkoll trab fin-naha ta' gewwa tal-cover li jindika li l-cover gie sfurzat u miftuh;

6. Illi dawn iil-fatti kif jirrizulta mill-inkjesta ma gewx kontestati.

Illi **nhar t-tnejn ta' Gunju 2003 xehed Silvio Decelis** [fol 9] fejn ikkonferma li l-bilanc dovut mill-imputat kien ta' hames mija erbgha w sebghin lira u dan ghaliex nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2001 huwa kien ghamel depositu ta' elf lira fuq l-meters in kwistjoni. Huwa spjiega l-breakdown of estimate permezz tad-dokument esibit a fol 14 tal-process, u qal li l-ammont ta' elf hames mija erbgha w sebghin lira kienu jirrappresentaw serq ta' kurrent elettriku ghal perjodu ta' tmien mija sitta w tletin gurnata.

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni imsemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Propjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputati jkunu d-detenturi jew il-persuni li jkollhom f'idejhom l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputati li allura jkollhom jippruvaw huma li ma kienux jafu jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

Illi **nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004 xehed l-imputat** [fol 87] fejn qal li dakinhar li saret l-ispezzjoni tal-meter miill-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta huwa kellu mieghu zewg socji ohra certu Carmel Agius u certu Mario Abela, ghalkemm Mario Abela llukm m'ghadux socju tieghu. Qal li r-restaurant in kwistjoni hu beda jiggestih fis-sena 1994. Qal li hu kien installa l-meter permezz tal-impjegati tal-Korporazzjoni fis-sena 1994 u dak iz-zmien hu kellu hafna problemi rigward qtugh ta' dawl u sahansitra kellhom anke jixtru generator. Qal li gieli kienu jmorru l-fuses minn naha taghhom minn gewwa mill-meter u kienu jigu tal-Enemalta jahdmu fuqhom. Qal li fuq dan il-meter hadmu biss impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta meta kien hemm bzonn. Huwa cahad li qatt mess l-meters in kwistjoni jew li qabbad lil xi hadd imiss dawn il-meters. Ikkonferma li l-kontijiet jhallashom hu.

**Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2004 xehed Carmel Agius** li jigi hu l-imputat odjern [fol 90] fejn ikkonferma li huwa socju fil-gestjoni tar-ristorant in kwistjoni. Ikkonferma li l-meters in kwistjoni kienu ilhom installati fil-fond sa mis-sena 1994 mill-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta. Qal wkoll li dawn il-meters kien ilhom bil-problemi ghaliex ta' spiss kien itiru l-phases u kienu jigu mpjegati tal-Korporazzjoni Enemalta biex jirrangawhom,

tant li anke generator xtraw. Ikkonferma li l-meter hu qatt ma messu jew sewwa fih.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti ma thossx li l-imputat irnexxilu jgheleb l-presunzjoni konta tieghu fuq riferuta u dan ghaliex ma gab ebda prova sabiex jikkolobora dak li qal; per ezempju li d-dawl imur ta' spiss, li almenu rappresentanti tal-Korporazzjoni Enemalta kienu jigu u jbaghbsu fil-meters, u ghalhekk setgha jindika li ma kien hemm ebda tbaghbis qabel jew provi simili.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 264(a), u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat JESMOND AGIUS hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundannha lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta, l-Qorti rat illi l-perit gie nominat fi stadju ta' inkjesta u mhux waqt il-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tali talba qieghda tigi michuda in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Trevor Farrugia datata sittax ta' Jannar, 1998.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------